ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 37 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Ġunju 2011;

   b) Skeda ta' Ħlas Ġunju 2011;
5. Tenders;
6. Tindif tal-Ground tal-Football;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 36 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

Dwar item 5., mingħand is-Sur Edward Bonello tal-MFEI dwar iċ-ċerimonja tat-turretta ipporpona sabiex isir fis-27 ta' Lulju, 2011, fl-10.00 ta' filgħodu fejn ukoll jiġu mistiedna t-tfal ta' Skolasajf għaliha, sabiex jinġiebu xi ftit siġġijiet u wkoll sabiex nissupplixxu d-dawl peress li Dr. Rizzo Naudi ser jagħmel xi preżentazzjoni.

Dwar item 7., is-Segretarju qalet li waqt il-laqgħa li attendiet hi dwar in-*National Enterprise Award* ġie spjegat kif il-Kunsilli jistgħu japplikaw. Is-Sindku qal li diġa' tqassmu ittri lis-sidien tal-ħwienet biex jikkonfermaw li jridu isem il-ħanut tagħhom jidher fuq tabella.

Is-Segretarju qalet li minħabba li tnejn mill-Kunsilliera, is-Sur Alan Picco kif ukoll is-Sur Angelo Attard kienu assenti għal xi laqgħa tal-Kunsill, dawn it-tnejn ippreżentaw nota fejn spjegaw ir-raguni għaliex kienu assenti. Il-Kunsill laqa' dawn ir-raġunijiet.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails):-**

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 56/2011 dwar taħriġ mill-MCCAA għal dawk interessati li jkunu responsabbli mill-*Playing Fields* fil-Kunsilli Lokali, ser jattendu s-Sindku.
Irċevejna wkoll Memo 57/2011 dwar A.L. 230 tal-2011 – Regolamenti tal-2011 li jemendaw l-Ewwel, t-Tieni u d-Disa' Skeda li jinsabu mal-Att dwar Kunsilli Lokali u A.L. 231 tal-2011 – Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Raba', l-Għaxar u l-Ħdax-il Skeda li jinsabu mal-Att dwar Kunsilli Lokali.
Memo 60/2011 – Skema EGOV 4U għall-Kunsilli Lokali.
Memo 61/2011 – Taħriġ fuq ICT.

Infurmaw ukoll li ser isir Seminar fl-1 ta' Lulju, 2011, dwar kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jippromowovu aħjar il-Lokalita' tagħhom għat-turisti.
Bagħatu wkoll dwar l-Laqgħa Nformattiva – *National Enterprise Award* ser isir it-Tnejn, 4 ta' Lulju, 2011, fis-1:30 p.m., f'Dar l-Ewropa.
Dwar Memo 52/2011 – Kompetizzjoni tal-*Car Free Day* bagħatulna *reminder* li l-proposti jridu jintbagħatu sa nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju, 2011.

Għarrfu wkoll dwar l-aħħar sezzjoni tat-taħriġ għas- Segretarji Eżekuttivi li ser isir il-Ġimgħa 15 ta' Lulju, 2011 *f'University Residence*, Ħal Lija.

Infurmaw ukoll li meta jkunu ser jiġu organizzati x'attivitaijiet mis-Segretarjat flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ikunu ser jiġu varati xi skemi u/jew jitħabbru l-benefiċċarji tal-iskemi importanti li jkun hemm atttendenza għax jista' jkun li jagħti l-każ li jekk ma jkunx hemm attendenza jistgħu jitnaqqsu l-flus.

Infurmaw ukoll dwar is-sejħa 'Il-Programm Operattiv Italja – Malta 2007-2013', fejn ser issir sessjoni ta' nformazzjoni it-Tlieta, 12 ta' Lulju, 2011.

2. Mill-MEPA fejn irċevejna dwar l-applikazzjonijiet ġodda PA498/11dwar korrezzjoni ta' sit PA 3759/07 fil-Bypass u wkoll PA 511/11 dwar modifikazzjonijiet f'sit No. 3 fi Triq Dun Mattew Sciriha.
Infurmaw ukoll li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji għall-Ambjent, 17 ta' Ġunju, 2011, organizzat kompetizzjoni tat-Tpinġija għat-tfal.
Irċevejna wkoll xi DCC ( dokumenti annessi).

3. Mit-Tranport Malta nfurmaw li dwar ir-*road thumps* fi Vjal il-Labour sabiex din tiġi mneħħija sal-5 ta' Lulju, 2011.
Bagħatu wkoll dwar l-istess triq li r-*road thump* li hemm fil-preżent trid tiġi mneħħija u minflok trid isir *raised zebra crossing* li din għandha sservi ta' *sleeping police* ukoll bil-qisien indikati mal-ittra.
Dwar *stop sign* and *road markings* fi Triq J. Gravina dawn ġew approvati.
Infurma wkoll li dwar talba għal *One-Way System* fi Triq B'bugia din trid tiġi kif indikata fl-ittra tagħhom, jekk il-Kunsill ma jirrispondix din l-ittra dan il-permess jiġi null wara tlett xhur. Din giet imwiegba.
Infurmaw ukoll dwar ir-*Road Permit Payment* fejn hemm it-tariffi l-ġodda indikati.
Għarrfuna wkoll dwar it-talba li għamilna sabiex Triq il-Milwa issir '*One-Way*'. Din ser issir iżda jridu jitwaħħlu tabelli ta' ndikazzjoni.

4. Mill-NSO infurmaw li ser isir stħarriġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali, fejn madwar 700 mitt familja ser jirċievu boroż ta' kulur oranġio u din ser tiġi miġbur mill-*WasteServ Malta Ltd*. bejn l-4 u d-9 ta' Lulju, 2011.

5. Mill-MRRA dwar stedina għal seminar – *The Sustainable Development of Agriculture Post 2013,* fit-30 ta' Ġunju, 2011, fil-5:30 p.m. ġewwa l-Corinthia.

6. Mill-PBS fejn irċevejna dwar programm li ser ittella' kull nhar ta' Tnejn, bl-isem Mil-Bieb 'll Ġewwa … tal-ibliet u rħula Maltin u Għawdxin, il-fee sabiex tipparteċipa mhux imsemmija. Is-Sindku qal li hu irċieva telefonata fejn ġie mgħarraf li l-Kunsill irid iħallas €400 biex jipparteċipa.

7. Mill-AKL fejn infurmaw li ser isir taħriġ fis-servizzi tal-EGov taħt il-Proġettt tal-UE – EGOV 4U, dan il-kors jistgħu jibbenefikaw minnhu r-residenti tal-lokal kif ukoll il-Kunsill Lokali, l-ispiża tal-għalliema u l-manwal li jingħata waqt it-taħriġ ser ikun kopert mill-AKL, applikazzjonijiet jintlaqu sat-22 ta' Lulju, 2011.
Infurmaw ukoll li meta jkunu ser isiru x'attivitaijiet jew xogħolijiet fit-toroq fil-lokal, it-Transport Malta irid jiġu avżati b'dan.

Infurmaw ukoll dwar id-Devoluzzjoni ta' dawl tat-toroq fejn għarrfu li ser jinbeda l-proċess għall-iffirmar tal-fethim il-ġdid.

8. Mill-ETC fejn infurmaw li ser jiġu assenjati mal-Kunsill b'effett mit-18 ta' Lulju, 2011, għal dawn ius-sitt xhur li ġejjien is-Sur Henry Zahra u Mario Bartolo.

9. Mill-NSTS, fejn urew ix-xewqa li jiltaqu mal-Kunsill dwar xi *partnership*.

10. Il-Kunsill ircieva stedina mingħand Dun Angelo Vella fl-okkażjoni tal-50 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali nhar is-Sibt, 16 ta' Lulju, 2011, fis-7.00pm. Il-Kunsill iddeċieda li jixtri u jagħti *momentum* lil Dun Angelo Vella f'din l-okkażjoni.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a. Intbagħatet ittra lill-BOV, HSBC u APS Bank fejn urejnihom x-xewqa li għandu l-Kunsill Lokali sabiex fil-Ġnien tal-*Housing Estate* jiġu nstallati l-ATMs'.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ġunju 2011 u li kienu jammontaw għal €14.20. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Talab li jiġu miġbuda mill-Bank €14.20 biex is-Segretarju jkollha biżżejjed *cash flow*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Gunju 2011*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Gunju 2011 u li jammontaw għal €38,142.06. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Tenders

Waqt il-laqgħa infetħu t-*tenders*:-

- Għal GhLC 01/11– *Project Manager for the Supervision of the Construction of Playing Field Area in Għaxaq Housing Estate*, kien hemm tlett (3) offerti. Annessa mal-Minuti *Schedule of Tenderers* (App. 1)

- Għal GhLC 02/11 – *Construction of Playing Field Area in Għaxaq Housing Estate – Phase 2*, ma' kien hemm l-ebda offerta.

- Għal GhLC03/11 – *Supply, delivery and installation of a grid-connected photovoltaic system at15, Labour Avenue, Għaxaq*, kien hemm 6 (sitt) offerti iżda l-Offerta ta' MCE Ltd. wara li ġiet miftuħa instab li hemm rekwiżit importanti nieqes u din hija il-*Bank Guarantee*. Tali nuqqas jiskwalifika din l-offerta.
  Il-ħames offerti l-oħra huma annessi mal-Minuti *Schedule of Tenderers* (App. 2)

**6. Tindif tal-Ground tal-Football**

Il-Viċi Sindku s-Sur Abdilla, qal li ġie avviċinat mis-Sur Guido Agius il-persuna responsabbli mil-grawnd tal-futbol sabiex it-triq li twassal għal grawnd tiġi rranġata w titnaddaf, kif ukoll il-biċċa art li tinsab ma' ġenb il-grawnd biex din ukoll tiġi mnaddfa u rranġata biex tkun tista' tintuża bħala post fejn jiġu pparkjati l-karozzi. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir u jinħarġu l-kwotazzjonijiet ukoll.

**7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li jeħtieġ issir laqgħa mat-*Transport Malta* minħabba it-tgergir u lmenti li qed isiru mir-residenti dwar it-*traffic lights* ta' Bir-id-Deheb li tneħħew kif ukoll dwar it-trasport tal-ARRIVA speċjalment dak ta' Ħal Għaxaq għal Belt u dak ta' Ħal Għaxaq għall-Isptar Mater Dei. Il-Kunsill qabel li fir-rigward tal-*pelikan lights* jintbagħat artikolu fuq il-gazzetti u dwar it-trasport pubbliku tinbagħat ittra b'forma ta' petizzjoni bieb, bieb.

b. Is-Sur Abdilla qal li l-Professur Victor Sultana qed joffri li jagħti kors tal-*First Aid* mingħajr ħlas lil min hu nteressat. Il-Professur jitlob biss post fejn dan il-kors jista' jsir. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-offerta.

c. Is-Sinku qal li fejn kienu ġejjien l-iskips ġo l-art issa jista' jsir bit-tarmak għaldaqstant il-kuntrattur jista' jagħmel estensjoni tal-kuntratt biex jiksi din il-biċċa art. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sinujra Agius qalet li xi nies talbu biex il-Kunsill jagħmel korsijiet tal-*Crafts*. Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sinjura Agius qalet ukoll li jeħtieġ jitneħħa ħaxix li jikber fuq il-bankini fi Triq il-Ħannieqa. Is-Sindku qal li fi Triq it-Telleritu wkoll hemm xi ħaxix fuq il-bankina li jeħtieġ jitneħħa. Il-Kunsill qabel

**9. Aġġornament**

Is-Sindku fl-4.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu, fis-1.30 pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It-Tlieta 2 ta' Awwissu 2011, fis-1.30pm.**